MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Rikors Numru. 1261/2012

**Tarros S.p.A. socjeta` estera rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino (I.D. Numru 441061 (M))**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**
**(C – 3478)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors urgenti ta’ David Jones ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited datat il-21 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti odjern Jones hu direttur tas-socjeta` li ghaliha hawn qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza taghha;

2. Illi l-istess socjeta` ndikata fil-paragrafu precedenti topera mill-indirizz numru 95, 99 u 103, "*Pinto House*", Xatt l-Ghassara tal-Gheneb, il-Marsa, u ilha hekk topera ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena;

3. Illi l-fondi msemmija fil-paragrafu precedenti gew mibjughin bis-subbasta u ggib in-numru 2/2011 fl-ismijiet **Cefai nomine vs Valletta Freight Services Limited**, wara li gew liberati fl-20 ta' Gunju, 2012, *animo compensandi* ghall-prezz ta' mitejn u sebat elef Ewro, (€207,000.00), liema att ta' liberazzjoni kien insinwat fir-Registru Pubbliku fid-19 ta' Novembru, 2012;

4. Illi *ai termini* tal-artiklu 355 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, debitur ghandu jedd ta' fidwa f'dan il-kaz li jrid jigi ezercitat fi zmien erba' (4) xhur mid-data tal-iskrizzjoni tal-att tal-liberazzjoni senjatament mid-19 ta' Novembru, 2012;

5. Illi konsegwentement, xerrej ghandu jsegwi l-ligi u jhalli l-erba' (4) xhur jghaddu biex jaghti cans lir-rikorrenti ghall-azzjoni *ius redimendi*;

6. Illi l-artikolu 357 tal-istess Kap 12 jaghti d-dritt lix-xerrej jitlob il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament a bazi ta' l-istess liberazzjoni liema talba trid issir fi zmien t'erba' (4) xhur mill-liberazzjoni kif hekk stipulat;

7. Illi d-data operattiva in dizamina allura ghandha tkun l-20 ta' Gunju, 2012;

8. Illi konsegwentement jirrizulta pacifiku li t-terminu t'erba' (4) xhur fuq riferit skada u ghalhekk, il-jedd li r-rikorrenti fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament – is-socjeta` ntimata odjerna – ma tistax tezercita d-dritt minnha vantat;

9. Illi *di piu`*, s-socjeta` rikorrenti odjerna ntavolat ukoll procedura biex tannulla s-subbasta in dizamina li saret fl-20 ta' Gunju, 2012;

10. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi r-rikorrenti jitlob lil din il-qorti biex:

i. Tirrevoka l-mandat ta' zgumbrament fuq riferit;

ii. Taht kull provediment li joghgobha timponi;

Rat id-digriet precedenti taghha datat it-3 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontroparti ghar-risposta fit-terminu hemm indikat u rrizervat il-fakolta` li tappunta l-istess ghas-smiegh skont il-kaz, (ara fol 55);

Rat ir-risposta tas-socjeta` estera ntimata datata l-4 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi hu pacifiku li *a tenur* tal-artikolu 355 tal-Kap 12, id-debitur ghandu l-jedd li jifdi hwejjeg immobbli mibjughin b'irkant;

2. Illi hu pacifiku wkoll li dan id-dritt ghandu jigi ezercitat fi zmien erba' (4) xhur mid-data tal-iskrizzjoni ta' liberazzjoni;

3. Illi pero`, l-ligi ma tipprovdix dwar l-effett li dan id-dritt ikollu fuq l-ezekuzzjoni tad-drittijiet da parti tal-kreditur wara li l-proprjeta` nvoluta tinbiegh bl-irkant;

4. Illi l-artikolu 355 fuq riferit ma jxekkilx il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament;

5. Illi ma jirrizultax jekk is-socjeta` Valletta Freight Services Limited hiex bi hsiebha tezercita d-dritt taghha fir-rigward;

6. Illi finalment l-artikolu 357 fuq riferit ghandu jigi applikat logikament;

Rat id-digriet taghha datat is-7 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh fid-data hemm indikata, (ara fol 60);

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti;

Rat in-nota tar-rikorrenti odjern datata s-6 ta’ Marzu, 2013;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi wahda naxxenti minn subbasta fejn wara l-konkluzjoni logika taghha nhareg mandat ta’ zgumbrament li qieghed jigi kontestat fl-att odjern;

Illi minn analizi tal-vertenza kif fuq sintetikament espost jirrizulta li r-rizoluzzjoni taghha tiddependi fuq l-artikolu 357 tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili li jistabbilixxi s-segwenti:

“Il-liberazzjoni tal-immobbli tikkostitwixxi minnha nnifisha titolu ezekuttiv u jekk id-debitur ezekutat jew terza persuna li qed tokkupa l-fond bla titolu jonqos milli jivvaka l-fond liberat, ix-xerrej ikollu jedd, *fi zmien erba’ xhur mill-liberazzjoni*, li jitlob il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament abbazi tal-imsemmi titolu ta’ liberazzjoni”;

Ikkunsidrat:

Illi d-dati operattivi fid-dawl tas-suespost jirrizulta li huma s-segwenti:

1. Illi l-fondi meritu tal-procedura odjerna jirrizulta li gew liberati fl-20 ta’ Gunju, 2012;

2. Illi l-att ta’ liberazzjoni *de quo* gie sussegwentement insinwat fir-Registru Pubbliku fid-19 ta’ Novembru, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi kif gie abilment ritenut mir-**Rikors Numru 677/2012 fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 736/2012 fl-ismijiet Anthony Camilleri u Carmena Camilleri vs Peter Agius**:

1. Illi t-terminu mpost statutorjament fl-artikolu 357 fuq riferit u riprodott hu terminu perentorju;

2. Illi l-istess terminu *in dizamina* hekk impost minn naha wahda la jaghti l-ebda lok ghal estensjoni u min naha l-ohra lanqas jista' jigi injorat;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tar-rizultanzi processwali jirrizulta assodat li l-mandat ta' zgumbrament in dizamina sar wara li kien skada t-terminu perentorju statutorjament prefissat ta' erba' (4) xhur u m'hemm xejn aktar x'jinghad fir-rigward hlief li s-socjeta` r-rikorrenti jirruzulta li ghandha ragun tintavola l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi r-risposta tas-socjeta` ntimata fuq riferita, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti nomine David Jones u konsegwentement:

1. Tirrevoka l-mandat ta' zgumbrament fuq riferit;

2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` Tarros S.p.A. socjeta` estera kif fuq rapprezentata.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------